MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 315/2003

**Middle Sea Insurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Karl Debono u l-istess Karl Debono**

**vs**

**Maria Grazia Cucciardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-6 ta' Frar, 2003, u fejn intqal:**
**Illi l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi Vjal Santa Lucija, kantuniera ma' Triq Sir Paul Boffa, Paola, nhar it-28 ta' Gunju, 2002, meta sehhet kollizzjoni bejn il-vettura targata CAS 156 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura JAB 405 misjuqa mill-attur Karl Debono.**

**Ghalhekk l-istess konvenuta qeghda tintalab thallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u tlieta u sittin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm463.55), in kwantu ghal erba’ mija u tmienja u tletin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm438.55) danni sofferti mill-attur Karl Debono li ghalihom kellha taghmel fronti s-socjeta’ attrici taht polza tat-tip *comprehensive* flimkien ma’ survey fees, u s-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) bhala excess imhallas mill-istess Karl Debono.**

**Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra d-digriet tat-2 ta’ Gunju, 2003 li bih it-Tribunal diversament presedut laqa’ t-talba tal-konvenuta sabiex din il-kawza tinstema flimkien mal-kawza fl-ismijiet Maria Grazia Cucciardi vs Karl Debono avviz numru 2983/02JR.**

**Ra l-affidavits ta’ Anthony Cutajar u Ivan Carabott. Ra x-xhieda ta’ Karl Debonou x-xhieda l-ohra kollha migjuba fil-kawza l-ohra fl-ismijiet Maria Grazia Cucciardi vs Karl Debono avviz numru 2983/02JR.**

**Ra wkoll id-digriet moghti fil-21 ta’ Ottubru, 2003 fejn gie ordnat li l-provi migbura fil-kawza fl-ismijiet inversi avviz numru 2983/02JR ghandhom japplikaw ghal din il-kawza wkoll.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza.**

**It-Tribunal qed jaghmel referenza ghall-argumentazzjoni u konkluzzjonijiet milhuqa fil-kawza fl-ismijiet Maria Grazia Cucciardi vs Karl Debono avviz numru 2983/02JR fejn gie dikjarat illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut f’dik il-kawza.**

**Ghaldaqstant peress illi l-konvenuta ma kienetx tahti ghall-incident de quo t-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------